Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 14,184, 23 ta' Settembru, 1983
Taqsima B

A.L. 45 ta' l-1983

ATT TA' L-1970 DWAR IL-FORZI ARMATI TA' MALTA (ATT NRU. XXVII TA' L-1970)

Regolamenti ta' l-1983 li jemendaw ir-Regolamenti dwar in-Nomini u l-Kondizzjonijiet tas-Servizz tal-Forza Regolari tal-Forzi Armati ta' Malta

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 4 ta' l-Att ta' l-1970 dwar il-Forzi Armati ta' Malta, il-President ta' Malta għamlet ir-regolamenti li ġejjin:—

Titolu.

1. Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1983 li jemendaw ir-Regolamenti dwar in-Nomini u l-Kondizzjonijiet tas-Servizz tal-Forza Regolari tal-Forzi Armati ta' Malta, u għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-1970 dwar in-Nomini u l-Kondizzjonijiet tas-Servizz tal-Forza Regolari tal-Forzi Armati ta' Malta, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali".

A.L. 91 ta' l-1970

Jemenda r-regolament 24 tar-regolamenti prinċipali.

2. Ir-regolament 24 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-sub-paragrafu (d) tal-paragrafu (1) tiegħu minflok il-kliem "mid-data tal-konferma," għandhom jidħlu l-kliem "mid-data tal-konferma, jew";

(b) minnufih wara s-sub-paragrafu (d) tal-paragrafu (1) tiegħu għandu jiżdied is-sub-paragrafu ġdid li ġej:

"(e) għal ingaġġ ta' tmintax-il xahar mal-forza li jibdew jgħoddu mid-data tal-konferma,";

(ċ) fil-paragrafu (2) tiegħu minflok il-kliem "bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-paragrafu (3) ta' dan ir-regolament" għandhom jidħlu l-kliem "bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-paragrafi (3) u (4) ta' dan ir-regolament";

(d) fis-sub-paragrafu (d) tal-paragrafu (2) tiegħu minflok il-kliem "l-ingaġġ ta' erbatax-il xahar," għandhom jidħlu l-kliem "l-ingaġġ ta' erbatax-il xahar, jew";

(e) minnufih wara s-sub-paragrafu (d) tal-paragrafu (2) tiegħu għandu jiżdied is-sub-paragrafu ġdid li ġej:

"(d) l-ingaġġ ta' tmintax-il xahar,"; u

(f) minnufih wara l-paragrafu (3) tiegħu għandu jiżdied il-paragrafu ġdid li ġej:

"(4) Suldati rġiel u nisa li jingaġġaw għal ingaġġ ta' tmintax-il xahar ikollhom obbligu ta' servizz fir-riżerva għal għoxrin sena mid-data meta jispiċċa l-ingaġġ tagħhom.".

Jemenda t-Tieni Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

3. It-Tieni Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali għandha tiġi emendata kif ġej:

(a) minnufih wara il-paragrafu (6Ċ) tal-Karta ta' l-Avviż taħt it-Taqsima I għandu jiżdied il-paragrafu ġdid li ġej:

"(6D) għal irġiel li jingaġġaw għal tmintax-il xahar —

Int se tkun ingaġġat għal ingaġġ ta' tmintax-il xahar u jkollok obbligu għal servizz fir-riżerva għal perijodu ta' għoxrin sena mid-data meta jispiċċa l-ingaġġ tiegħek.".

(b) minnufih wara is-sub-paragrafu (e) tal-Mistoqsija 16 tal-Karta ta' l-Avviż taħt it-Taqsima I għandu jidħol dan li ġej:

"(f) Perijodu ta' tmintax-il xahar mal-forza li jgħoddu mid-data tal-konferma."; u

(ċ) minnufih wara s-sub-paragrafu (e) tal-Mistoqsija 16 tal-Karta tal-Konferma taħt it-Taqsima II għandu jiżdied is-sub-paragrafu ġdid li ġej:

"(f) Perijodu ta' tmintax-il xahar mal-forza li jgħoddu mid-data tal-konferma".